**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Ottubru 2019**

**Rikors nru: 192/2019 AGV**

**AB ( ID nru: 292478 M)**
**Vs**
**CD ( ID nru: 435169 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB ( ID nru: 292478M), fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar is-26 ta' April 2002, u minn daz-zwieg twieldu zewgt ulied minuri u cjoe' E data tat-twelid hija 21 ta' Settembru 2007 u F data tat-twelid hija 4 ta' Novembru 2010, certifkat taz-zwieg huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok CC 1;
2. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghal seperazzjoni bonarja in forza tad-digriet moghti mill-Qorti tal-Familja datat 24 ta'

Novembru 2015, kopja vera tal-kuntratt tas-separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala Dok. CC2.

3. Illi l-partijiet ilhom erba’ snin separati de facto, u dan kif juri paragrafu Nru; 1 a fol 1, tal-kuntratt anness;
4. Illi ma jezisti ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom sepaarti erba’ snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, kif ukoll l-esponenti attrici, ghandha relazzjoni ma’ ragel iehor;
5. Illi skont l-istess kuntratt ta’ separazzjoni bonarja, ( aragrafu 5 fol. 2). Il-Mara cjoe’ l-esponenti iddekadiet milli tircievi manteniment mir-ragel, filwaqt illi ir-ragel irrinunzja li jircievi manteniment mill-Mara;
6. Illi, skont il-kuntratt ta’ separazzjoni anness (Parti C, a fol 5 (i) ), l-esponenti tiddikjara illi, dejjem irceviet il-hlas ta’ manteniment dovut lill-ulied minuri mir-ragel;

Illi b’ hekk dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju, skont l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant , l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2019, deher il-konvenut li iddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghat-talba ta' AB.

Ghalhekk il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**DECIDE**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**